B 1903

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 288 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Counselling – M.Couns. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master in Counselling – M.Couns. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master in Counselling – M.Couns. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Socjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 482 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-applikanti li jkollhom grad ta' Bachelor ikklassifikat fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III jistgħu jidħlu fil-Kors jekk huma jkollhom kwalifiki oħra meqjusa rilevanti mill-Bord u minimu ta' sena esperjenza ta' xogħol dirett f'ambjent formali uman jew psiko-soċjali. Id-dħul ta' dawn l-applikanti jista' jkun suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għal xi *lacunae* fil-preparazzjoni akkademika tal-applikanti."

4. Il-paragrafi (2) sa (7) tal-ordinament 3 tal-ordinament prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) sa (8).